

*Parti oħra fil-proċedura:* Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) (rappreżentanti: G. Nuvoli u E. Raimond, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

## Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tal-11 ta' Novembru 2014, De Nicola vs BEI (F-52/11, ĠabrabSP, EU:F:2014:243), intiż għall-annullament parżjali ta' din is-sentenza.

## Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Carlo De Nicola għandu jħabti l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) fil-kuntest ta' din l-istanza.

(<sup>1</sup>) ĠU C 73, 2.3.2015.

## Digriet tal-Qorti Ĝeneralis tad-9 ta' Settembru 2015 – Alshargħawi vs Il-Kunsill

(Kawża T-66/15) (<sup>1</sup>)

*("Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħħuda minħabba s-sitwazzjoni fil-Libja — Rikors għal nuqqas li titieħed azzjoni — Teħid ta' pożizzjoni tal-Kunsill — Tmiem tas-suġġett tar-rikors — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")*

(2015/C 381/49)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrent: Bashir Saleh Bashir Alshargħawi (Johannesburg, l-Afrika t'Isfel) (rappreżentant: E. Moutet, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Piessevaux u A. Vitro, aġenti)

## Suġġett

Jiġi kkonstatat, abbażi tal-Artikolu 265 TFUE, li l-Kunsill illegalment astjena milli jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu li isem ir-riktorrent jitniżżeż fil-lista ta' persuni u ta' entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi meħħuda minħabba s-sitwazzjoni fil-Libja.

**Dispożittiv**

- 1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 146, 4.5.2015.

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġeneral tal-1 ta' Settembru 2015 – Pari Pharma vs EMA  
(Kawża T-235/15 R)**

[“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti miżムma mill-EMA fir-rigward ta’ informazzjoni mogħtija minn impriżza fil-kuntest tal-applikazzjoni tagħha għall-awtorizzazzjoni ta’ tqeqħid fis-suq ta’ prodott mediċinali — Deċiżjoni li terz jingħata l-aċċess għal dokumenti — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Urġenza — Fumus boni juris — Ibbilanċjar tal-interessi”]

(2015/C 381/50)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Pari Pharma GmbH (Starnberg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Epping u W. Rehmann, avukati)

Konvenuta: Aġenċija Ewropea għall-Mediċini (EMA) (rappreżentanti: T. Jabłoński, N. Rampal Olmedo, A. Rusanov u S. Marino, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal- konvenuta: Novartis Europharm Ltd (Camberley, ir-Renju Unit) (rappreżentant: C. Schoonderbeek, avukat)

**Suġġett**

Talba essenzjalment intiża sabiex tinkiseb is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni EMA/271043/2015 tal-EMA, tal-24 ta' April 2015, li tagħti lil terz, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331), l-aċċess għal ċerti dokumenti li fihom informazzjoni sottomessa fil-kuntest ta' talba għall-awtorizzazzjoni ta’ tqeqħid fis-suq tal-prodott mediċinali Vantobra.

**Dispożittiv**

- 1) Hija sospiża l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni EMA/271043/2015 tal-24 ta' April 2015, sa fejn hija tagħti lil terz, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, l-aċċess għar-rapport ta’ evalwazzjoni (EMA/CHMP/702525/2014) tax-xebħ tal-VANTOBRA mal-Cayston u mat-TOBI Podhaler kif ukoll għar-rapport ta’ evalwazzjoni (EMA/CHMP/778270/2014) dwar is-superoritā klinika tal-Vantobra fuq it-TOBI Podhaler.